

Kap tat-Taqsima tal-Ġestjoni tal-Infommazzjoni u l-Għarfien

Unità: Metodi u Standards Xjentifiċi
Referenza: ECDC/AD/2020/SMS-HoSIKM

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Il-Detentur tal-impjieg se jirrapporta għand ix-Xjentist Prinċipali.

Hu/Hi se jkun/tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Jiġġestixxi t-Taqsima tal-Ġestjoni tal-Infommazzjoni u l-Għarfien billi joħloq tim b'saħħtu bi spirtu orjentat lejn is-servizz u kultura ta' tagħlim, billi jipprovdi feedback regolari tekniku u ta' prestazzjoni lill-persunal fil-grupp;
- Jipproponi, iżomm, u jaġġorna kif meħtieġ, il-qafas ta' ġestjoni tal-għarfien tal-ECDC; jiżgura l-allinjament tal-qafas tal-ġestjoni tal-għarfien, l-infommazzjoni u d-data;
- Imexxi u jagħti pariri dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' ġestjoni tal-għarfien tal-ECDC u jissorvelja l-konformità miegħu, jappoġġja l-ġestjoni tal-bidla kif meħtieġ, u jinkludi assigurazzjoni tal-konsistenza tal-istandards tal-ġestjoni tal-għarfien u proċessi relatati fiċ-Ċentru kollu;
- Jikkontribwixxi għad-definizzjoni tal-għan u l-arkitettura tal-infommazzjoni tal-pjattaformi tal-ġestjoni tal-kontenut u l-ħżin (intranet, extranets, siti web pubbliċi, applikazzjonijiet mobbli, DMS, pjattaformi oħra ta' kollaborazzjoni/komunikazzjoni, eċċ.);
- Jikkoordina u jiżviluppa aktar is-servizzi ta' ġestjoni tal-għarfien tal-organizzazzjoni f'konformità mal-objettiv strateġiku tal-ECDC li jtejjeb l-eċċellenza xjentifika biex jinforma l-politika u l-prattika dwar is-saħħa pubblika;
- Jiżviluppa politiki, proċeduri u standards interni relatati ma' attivitajiet ta' ġestjoni tal-għarfien u permezz ta' komunikazzjoni effettiva u l-appoġġ tal-ġestjoni tal-bidla kif meħtieġ, jiżgura li jrawmu l-kondiviżjoni ta' infommazzjoni u t-tixrid ta' għarfien fl-organizzazzjoni kollha;
- Imexxi u jwettaq it-titjib tal-għodod u s-sistemi tal-ġestjoni tal-għarfien/infommazzjoni b'appoġġ għall-attivitajiet tal-ECDC (eż. server tat-terminoloġija, tiftix ta' intrapriżi) u

ġestjoni relatata ta' metadata, ġestjoni ta' *data* ta' referenza (terminoloġija) u ġestjoni ta' *data* prinċipali;

- Jikkontribwixxi għall-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġestjoni tal-Infommazzjoni u l-Għarfien, b'ħidma mill-qrib mal-membri ta' strutturi interni rilevanti oħra;
- Jiżviluppa u jżomm rabtiet ma' kontropartijiet ta' ġestjoni tal-għarfien f'organizzazzjonijiet oħra rilevanti għall-ECDC (eż. il-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tal-UE);
- Jikkoordina l-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-għarfien espert u jipprovdi appoġġ għall-utenti dwar għodod u proċessi relatati mal-ġestjoni tal-għarfien u l-infommazzjoni;
- Jikkontribwixxi għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma u l-baġit annwali u għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas disa' snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Ikun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħu bħala cittadin⁴;
- Tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twestaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

1 Sejr in jiġi kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

2 Is-servizz militari obbligatorju dejjem jigi kkunsidrat.

3 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operattiv ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

4 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

B. Kriterji tal-għażla

Biex jikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Lawrja universitarja f'dixxiplina analitika bħalma huma x-xjenza tal-kompjuter, ix-xjenza tal-informazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni jew qasam ieħor relatat;
- Għarfien u esperjenza qawwija fil-qasam tal-ġestjoni tal-għarfien (bħal komunitajiet ta' prattika, direttorji ta' esperti, immappjar tal-għarfien, trasferiment tal-aħjar prattika, sistemi ta' esperti, rakkontar ta' stejjer, teknoloġiji kollaborattivi tas-software, repożitorji tal-għarfien), u prattiki ta' ġestjoni tal-informazzjoni (bħall-ġestjoni tad-*data* ta' referenza, ġestjoni tal-metadata u ġestjoni tad-*data* prinċipali);
- Esperjenza fit-twaqqif, iż-żamma u l-komunikazzjoni dwar l-oqfsa tal-ġestjoni tal-għarfien, inklużi l-politiki, il-proċeduri, l-istandards, it-taħriġ tal-utent aħħari (il-ħolqien, l-organizzazzjoni u l-provvista) u l-assigurazzjoni tal-kwalità;
- Esperjenza fil-ġestjoni, inkluż il-ġestjoni ta' tim, l-ippjanar u kwistjonijiet baġitarji;
- Esperjenza fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejn l-organizzazzjonijiet; esperjenza fil-ġestjoni ta' proġetti, u ġestjoni tal-bidla;
- Esperjenza fil-ħolqien u iż-żamma ta' għarfien minn aktivitajiet ta' ġestjoni ta' *data* u informazzjoni;
- Għarfien ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni tal-kontenut, tas-sistemi ta' ġestjoni tad-dokumenti/tar-rekords;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Xprunat mill-kwalità, iffukat fuq l-għoti ta' servizz u orjentat lejn ir-riżultati;
- Il-kapaċità li tikkollabora bħala parti minn tim u li tmexxi, timmotiva u tiżviluppa rapporti diretti u oħrajn;
- Kapaċitajiet eċċellenti ta' ppjanar, koordinazzjoni, iffissar tal-prijoritajiet u ta' organizzazzjoni;
- Ħiliet analitiċi eċċellenti, l-abbiltà li tanalizza l-problemi jew l-informazzjoni b'mod sistematiku u fil-fond, biex l-oġettivi strateġiċi jiġu tradotti fi pjanijiet operazzjonali u riżultati tekniċi f'soluzzjonijiet tan-negozju;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-miktub u orali.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel, jew japplika kwalunkwe kriterju ta' vantaġġ elenkat.

Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

Id-detentur tal-impjeg se jinġatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggerantixx ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjeg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinġoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tiġi sottomessa fil-format ta' Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁵. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala mhux validi.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁵ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.